# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Numru: 89/21 MH**

**Illum, 6 ta' April, 2022**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Nru 1353/17 fl-ismijiet:**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**Antonio Mario Vella (K.I. Nru 579855M), Carmen Vella (K.I. Nru 356360M) u Vanessa Vella (K.I. Nru 451286M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Antonio Mario Vella et tat-2 ta' Frar 2021** permezz ta' liema talbu lill-Qorti sabiex tordna li l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Żgumbrament fl-ismijiet premessi tiġi sospiża sakemm jiġi definittivament deċiż ir-rikors kostituzzjonali intavolat minnhom Rik 50/21 fl-ismijiet *Antonio Mario Vella, Carmen Vella u Vanessa Vella vs L-Avukat tal-Istat et.*

Rat **ir-risposta tal-intimat HSBC Bank Malta plc tat-23 t'April 2021** permezz ta' liema oppona għal din it-talba.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Bank intimat.

Rat illi r-rikorrenti naqsu milli jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom nonostante li ngħatalhom terminu ta' xahar biex jagħmlu dan[1].

Rat li r-rikors tħalla għad-digriet kamerali.

Rat l-atti kollha tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Lill-Qorti jirriżultalha li fir-rigward tar-rikors in eżami hemm retroxena ta' diversi kawżi; uħud minnhom huma llum *res judicata* u oħrajn pendenti –

**i. <u>Proċeduri Rik Nru 28/10 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Anthony Mario Vella, martu Carmen Vella u binthom Vanessa Vella</u>"**

- **Fit-13 ta' Jannar 2010** l-Bank intavola dawk il-proċeduri permezz ta' liema ġie premess illi fit-28 ta' Lulju 2006 ġew liberati a favur tiegħu żewġ proprjetajiet ġewwa Ħal Qormi. Dawn il-proprjetajiet kienu jappartjenu lill-konjuġi Vella u jinsabu okkupati u detenuti minnhom flimkien ma' binthom. Għalkemm il-Bank interpella lill-familja Vella sabiex jiżgumbraw minn dawk il-proprjetajiet huma baqgħu inadempjenti. Għalhekk permezz ta' dik il-kawża l-Bank talab lill-Qorti tiddikjara u

[1] Digriet tat-23 ta' Frar 2021

tiddeċiedi illi l-intimati Vella qegħdin jokkupaw u jiddetjenu abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il-proprjeta' msemmija u tordna, għalhekk, l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta';

- Permezz ta' sentenza datata **29 t'Ottubru 2012** il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-Bank u ġie prefiss terminu ta' xahar għall-iżgumbrament;

- Wara appell li sar mill-familja Vella, permezz ta' sentenza datata **18 ta' Lulju 2017** il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dana li t-terminu ta' xahar kellu jibda jiddekorri mid-data ta' dan l-aħħar ġudizzju.

**ii. Fit-18 ta' Settembru 2017** l-Qorti laqgħet it-talba tal-HSBC Bank Malta plc għall-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-familja Vella Nru 1353/17 fuq il-proprjeta' msemmija ġewwa Ħal-Qormi;

**iii. Proċeduri Rik Nru 529/11 fl-ismijiet "Anthony Mario Vella u Carmen Vella vs HSBC Bank Malta plc, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, id-Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollhom"**

- Permezz ta' dik il-kawża l-atturi talbu dikjarazzjoni li fil-bejgħ bl-irkant numru 32/2003 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Anthony Mario Vella et*, ma ġewx segwiti l-proċeduri kontemplati mil-liġi u għalhekk talbu dikjarazzjoni li l-bejgħ bl-irkant hu null u sabiex il-qorti tiddikjara nulla l-

liberazzjoni li saret favur il-bank konvenut u tordna l-kanċellament tal-iskrizzjoni li saret fir-Reġistru Pubbliku;

- B'sentenza datata **16 ta' Jannar 2012** il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-konjuġi Vella;

- Fid-**29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell ċaħdet appell li kien sar mill-konjuġi Vella. Minn din is-sentenza l-atturi ntavolaw rikors għal ritrattazzjoni, liema talba ġiet miċħuda permezz ta'sentenza datata **18 ta' Lulju 2017.**

**iv. <u>Kawża kostituzzjonali Rik Nru 61/17 fl-ismijiet "Anthony Mario Vella, martu Carmen Vella u binthom Vanessa Vella vs Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali u l-Avukat Ġenerali ġie kjamat fil-kawża b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2018 ġie kjamat in kawża l-HSBC Bank Malta plc</u>"**

- Permezz ta' dik il-kawża l-familja Vella allegaw li fil-konfront ġew vjolati l-jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali. Dan peress li fil-kawża Rik Nru 28/10, waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2012, deher biss il-Bank kif debitament rappreżentat u d-difensur tiegħu u l-Qorti ġiet infurmata li l-provi tal-partijiet kienu magħluqa u l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Dan meta skont Vella l-provi tagħhom kienu għadhom lanqas bdew u allura fil-fehma tagħhom ġew preġudikati fid-dritt tagħhom ta' smiegħ xieraq. Fost ir-rimedji huma talbu li jingħataw il-fakulta' sabiex iressqu l-provi tagħhom ħalli l-kawża tiġi deċiża fuq il-provi mressqa;

- B'sentenza datata **12 ta' Marzu 2020** il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-familja Vella;

- Fis-**27 ta' Jannar 2021** il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell intavolat mir-rikorrenti Vella u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

**v. <u>Kawża kostituzzjonali Rik Nru 50/21 fl-ismijiet "Antonio Mario Vella, Carmen Vella u Vanessa Vella vs L-Avukat tal-Istat et</u>"**

- Ir-rikorrenti familja Vella ntavolaw dawn il-proċeduri fit-2 ta' Frar 2021 u permezz tagħhom qegħdin jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali. Dan stante li fil-fehma tagħhom wieħed mill-imħallfin fil-kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tat is-sentenza fil-kawża Rik Nru 61/17 kien diġa ppronunzja ruħu fuq materja relatata mal-kawża tagħhom u naqas milli jirrikuża ruħu. Allura huma qed isostnu li dan iwassal għal ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq stante li ma kienx hemm garanzija ta' tribunal indipendenti u mparzjali. Huma qegħdin jitolbu li l-kawża Rik Nru 61/17 terġa' tinstema quddiem Qorti Kostituzzjonali diversament komposta.

- B'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Mejju 2021 ġie msejjaħ fil-kawża l-HSBC Bank Malta plc.

- Din il-kawża għadha pendenti.

**Ikkunsidrat:**

Fl-isfond tal-kawżi appena elenkati jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament in kwistjoni hija ppernjata fuq l-argument li l-kawża kostituzzjonali Rik Nru 50/21 timpinġi fuq l-eżekuzzjoni tal-istess Mandat ta' Żgumbrament.

Fi ftit kliem għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jippretendu li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament għax preżentament huma fetħu kawża kostituzzjonali biex tattakka kawża kostituzzjonali oħra li fiha kienu qegħdin jiġu attakkati l-proċeduri ordinarji istitwiti mill-HSBC Bank Malta plc għall-iżgumbrament tal-familja Vella mill-proprjetajiet li llum huma suġġetti għall-Mandat ta' Żgumbrament.

**Din il-pretensjoni tar-rikorrenti hija fil-fehma tal-Qorti nfondata fil-fatt u fid-dritt.**

Jiġi sottolineat li l-fatt li permezz tal-kawża kostituzzjonali ġdida Rik Nru 50/21 r-rikorrenti Vella qed jagħmlu tentattiv biex jerġgħu jinstemgħu l-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 61/17 ma jagħtihomx dritt awtomatiku li jottjenu mill-ġdid is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament. Dan anke fid-dawl tal-fatt li t-talba tar-rikorrenti fir-rikors odjern trid tiġi evalwata fil-kuntest tad-dritt tal-Bank kreditur li jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li ormai ilu f'ismu għal numru ta' snin. **Wieħed ma jistax ma jenfasizzax li l-ewwel sentenza ta' żgumbrament ingħatat xejn inqas mid-29 ta' Ottubru, 2012.**

Inoltre, lanqas huwa l-każ li l-Qorti terġa' "tirrikonferma" d-digriet li kien mogħti fil-kawża Rik Nru 61/17 kif pretiż mir-rikorrenti. Dak id-digriet tat-23 ta' Marzu 2018 li ngħata mill-Qorti fil-kawża kostituzzjonali Rik Nru 61/17 – u li permezz

tiegħu kienet ġiet sospiża l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament - kien biss *interim order* u għalhekk illum m'għad għandu ebda effett legali. Dan stante li kif intwera fis-suespost, fil-proċeduri Rik Nru 61/17 ġew miċħuda t-talbiet tal-familja Vella u dawk il-proċeduri huma llum ***res judicata*.**

Il-Qorti għalhekk ma tarax li hemm ġustifikazzjoni għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament.

Inoltre l-Qorti tinnota li talba identika għal dik imressqa quddiemha fir-rikors in eżami tressqet ukoll fl-atti tal-kawża kostituzzjonali Rik Nru 50/21, liema talba ġiet miċħuda b'digriet datat 24 t'Awwissu 2021. Il-Qorti hawnhekk tissottolinea li duplikazzjoni ta' talbiet imressqa quddiem Qrati diversi ma huma xejn ħlief *fishing expedition* li mhux biss iservu ta' ħela ta' ħin inutli għall-ġudikanti **iżda jikkostitwixxu wkoll abbuż mill-proċess ġudizzjarju, liema aġir huwa assolutament u għal kollox deplorabbli.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti Vella tat-2 ta' Frar 2021 bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**